# FIL-QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 28 ta' Settembru 2023**

**Att t'akkuża numru 17/2023 fl-ismijiet:**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs.**
**Hisham Ali ABUAGILLA**

**ta' 39 sena, imwieled il-Libja, fit-18 ta' Awwissu 1983, iben Ali Abuagilla u Roqaia Salem Alamari, u residenti fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin, detentur tal-Karta tal-identita' numru 0114665A.**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' **Hisham Ali ABUAGILLA** fejn ġie akkużat hekk:

**L-EWWEL KAP (1) – *Tentattiv ta' Omiċidju Volontarju ta' Luke Daniel Jones***

IL-FATTI

Illi fis-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) għal ħabta tal-ħamsa w għoxrin ta` filgħodu (05:20hrs) u/jew f'ħinijiet wara ġewwa ż-żona ta' Tigne Point, Sliema jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla,** dolożament bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' persuna (Luke Daniel Jones) fil-periklu ċar, wera' dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni ta' delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u

indipendenti mill-volonta’ tiegħu u cioe’ meta l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** ta’ diversi daqqiet ta’ sikkina lill-vittma Luke Daniel Jones, liema daqqiet ta’ sikkina (stab wounds) nifdu lill-vittma f'partijiet vitali f'ġismu u kaġun ta’ dawn il-feriti, l-istess vittma Luke Daniel Jones kien fil-periklu tal-mewt. Illi l-espert mediko-legali ikkonkluda li l-vittma sofra minn inter alia stab wound li ppenetrat il-kavita toraċita, liema ferita wasslet għal pneumothorax u li l-istess vittma Luke Daniel Jones kellu bżonn assistenza immedjata;

Illi fis-sitta (6) ta’ Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) il-vittma Luke Daniel Jones, żagħżugħ Ingliż ta' wieħed u għoxrin (21) sena, ħareġ ma żewġt iħbieb tiegħu li kienu jaħdmu ġo kumpanija tal-Gaming. Il-vittma Luke Daniel Jones u sħabu marru Paceville jixorbu u jiddevertu kif żgħażagħ ta' dik l-eta' ġeneralment jagħmlu. F'mument minnhom wieħed mill-ħbieb tiegħu ssuġġerixxa li jmorru jixtru droga mingħand l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** fejn il-vittma Luke Daniel Jones u ż-żewġt iħbieb tiegħu rikbu taxi tal-Bolt u marru tas-Sliema sabiex jiltaqgħu ma **Hisham Ali Abuagilla**, fejn iltaqgħu ma l-istess **Hisham Ali Abuagilla** u marru miegħu fir-residenza tiegħu.

Illi wara li t-tlett żgħażagħ xtraw d-droga mingħand **Hisham Ali Abuagilla**, l-erbgħa li huma u cioe it-tlett żgħażagħ, fosthom il-vittma Luke Daniel Jones u l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** marru fejn il-blat ta' Tigne Point, taħt ic-Chophouse restaurant ta' Sliema, fejn bdew jixorbu xi whisky li **Hisham Ali Abuagilla** kien ġab mir-residenza tiegħu.

Jidher illi f’xi ħin, inqala’ xi diżgwit bejn dawn l-erbgħa persuni tant li f'mument minnhom, l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** ħebb għal fuq wieħed miż-żgħażagħ, ġuvni Żvediż bl-isem ta' Arvid John Ismael Lindh u tah daqqa ta' ponn f'wiċċu. Il-vittma Luke Daniel Jones, li kien qed jara dan kollu jseħħ quddiemu, minnufih mar biex jferraqhom, u ġibed lil sieħbu Arvid John Ismael Lindh li kien qiegħed taħt xokk kbir u mbeżża. Illi waqt li kien qed jipproteġi lil ħabib tiegħu il-vittma Luke Daniel Jones ta' daqqa ta' ponn lil **Hisham Ali Abuagilla** u l-istess **Hisham Ali Abuagilla** irritalja billi, b’sikkina li kellu fuq il-persuna tiegħu, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Luke Daniel Jones) jew bil-ħsieb li jpoġġi l-ħajja ta' persuna (Luke Daniel Jones) f'periklu ċar ta' diversi daqqiet ta' sikkina f'partijiet vitali tal-ġisem ta’ Luke Daniel Jones. Ħabib ieħor tal-vittma Luke Daniel Jones ġibed lil **Hisham Ali Abuagilla** minn fuqu, fejn l-istess **Hisham Ali Abuagilla** waqaf jagħti daqqiet ta' sikkina lil vittma Luke Daniel Jones u ħarab minn fuq il-post.

Sussegwentement, il-vittma Luke Daniel Jones induna li kien mimli demm u ħabib li kien baqa miegħu għenu jimxi mill-post tal-inċident sakemm waslet l-ambulanza. Il-vittma Luke Daniel Jones beda jħoss tbatija biex jieħu n-nifs, li wasslitu jissuspetta li **Hisham Ali Abuagilla** laqatlu l-pulmun bis-sikkina. Illi Luke Daniel Jones kien f’xifer il-mewt konsegwenza tal-feriti li kien ġarrab, hekk kif ittieħed fl-isptar Mater Dei għal kura.

Illi Luke Daniel Jones kien sofra minn diversi ġrieħi wara li l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** tah diversi daqqiet ta' sikkina fosthom żewġ leżjonijiet fuq in-naħa tax-

xellug tad-dahar kienu aktar fondi milli wiesgħin, klassifikati bħala stab wounds magħmulin minn strument bil-ponta u li jaqta min-naħa waħda, kif ukoll leżjoni fuq in-naħa tal-lemin tal-għonq li kienet aktar twila milli fonda u għalhekk klassifikata bħala inċiżjoni. Tajjeb jingħad ukoll illi Luke Daniel Jones sofra wkoll alia minn pneumothorax u kien hemm evidenza wkoll ta' bilateral pleural effusions.

Illi konsegwentement, fid-dawl taċ-ċirkostanzi, lok, data u ħin kif esposti f'dan l-ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża, l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** irrenda ruħu ħati ta' **<u>tentattiv ta' omiċidju volontarju</u>** u għalhekk qiegħed hawnhekk jiġi akkużat talli bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' persuna (Luke Daniel Jones) fil-periklu ċar, wera' dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni ta' delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u dan <u>meta terza persuna li ra l-inċident waqqaf lill-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** milli jkompli jagħti lill-vittma bis-sikkina</u>. Kien ukoll grazzi <u>tal-intervent mediku mit-tobba f'waqta li l-ħajja tal-vittma Luke Daniel Jones ġiet salvata</u>.

<u>IL-KONSEGWENZI</u>

Illi għalhekk, b'għemilu l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** sar ħati ta' **<u>tentattiv ta' omiċidju volontarju</u>**, u ċioe' talli fis-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) għal ħabta tal-ħamsa w għoxrin ta` filgħodu (05:20hrs) u/jew f'ħinijiet wara ġewwa ż-żona ta' Tigne Point, Sliema jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, dolożament bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' persuna (Luke Daniel Jones) fil-periklu ċar, wera' dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni ta' delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

<u>L-AKKUŻA</u>

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Hisham Ali Abuagilla**, ħati ta' **<u>tentattiv ta' omiċidju volontarju</u>**, u cioe' talli fis-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) għal ħabta tal-ħamsa w għoxrin ta` filgħodu (05:20hrs) u/jew f'ħinijiet wara ġewwa ż-żona ta' Tigne Point, Sliema jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, dolożament bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' persuna (Luke Daniel Jones) fil-periklu ċar, wera' dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni ta' delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

<u>IL-PIENA MITLUBA</u>

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Hisham Ali Abuagilla** u illi hu jiġi kkundannat għall-piena ta' **<u>erbgħin (40) sena priġunerija</u>**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 23B,

31, 41(1)(a), 211(1), 211(2), 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**IT-TIENI (2) KAP – Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku**

<u>IL-FATTI</u>

Illi l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** fis-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) għal ħabta tal-ħamsa w għoxrin ta` filgħodu (05:20hrs) u/jew f'ħinijiet wara ġewwa ż-żona ta' Tigne Point, Sliema jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku meta ħoloq kommossjoni fejn ta' ta' daqqa ta' ponn lil Arvid John Ismael Lindh. Illi l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** beda jagħti diversi daqqiet ta' sikkina lill-vittma Luke Daniel Jones u dan wara li l-vittma Luke Daniel Jones mar biex jipproteġi lill-istess ħabib tiegħu Arvid John Ismael Lindh mill-akkużat **Hisham Ali Abuagilla**.

<u>IL-KONSEGWENZI</u>

Illi għalhekk, b'għemilu l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** sar ħati talli volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubbliku, u ċioe' talli fis-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) għal ħabta tal-ħamsa w għoxrin ta` filgħodu (05:20hrs) u/jew f'ħinijiet wara ġewwa ż-żona ta' Tigne Point, Sliema jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku meta ħoloq kommossjoni fejn ta' diversi daqqiet ta' sikkina lill-vittma Luke Daniel Jones.

<u>L-AKKUŻA</u>

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Hisham Ali Abuagilla**, ħati talli **<u>volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet pubblika</u>**, u ċioe' talli fis-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) għal ħabta tal-ħamsa w għoxrin ta` filgħodu (05:20hrs) u/jew f'ħinijiet wara ġewwa ż-żona ta' Tigne Point, Sliema jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** volontarjament kiser il-bon ordni u l-paċi pubblika.

<u>IL-PIENA MITLUBA</u>

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Hisham Ali Abuagilla** u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena

ta’ detenzjoni għal mhux aktar minn xahrejn, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 7(2)(a), 12(2), 17, 23, 23B, 31, 338(dd), 532A, 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

**It-Tielet (3) Kap – *Ġarr il barra minn xi fond jew id-*dintorni tiegħu xi sikkina *jew strument li jaqta’ ‘jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun mingħ*ajr ma kellu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija**

<u>Il-fatti</u>

Illi l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** fis-sitta (06) ta’ Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u fil-ħmistax (15) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) ġewwa Sliema u/jew fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer ġarr ‘il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi fil-ġurnata tas-sitta (06) ta' Awwissu ġewwa ż-żona ta' Tigne Point, Sliema jew fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer, l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** ta' diversi daqqiet ta' sikkina lill-vittma Luke Daniel Jones u sabiex wettaq dan ir-reat l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** ġarr ‘il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi sussegwentement, wara li l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** għamel diversi ġranet maħrub, fil-ħmistax (15) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) ġewwa Sliema u/jew fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer, l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** kien ġie arrestat fejn fuq il-persuna tiegħu instabet sikkina (mus).

Jirriżulta illi l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** ma kellux liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jġorr fuqu xi sikkina jew xi strument li jaqta jew bil-ponta.

<u>Il-konsegwenzi</u>

Illi għalhekk, b’għemilu l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** sar ħati talli volontarjament fis-sitta (6) ta’ Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) għal ħabta tal-ħamsa w għoxrin ta` filgħodu (05:20hrs) u/jew f’ħinijiet wara ġewwa ż-żona ta' Tigne Point, Sliema jew fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer u talli fil-ħmistax (15) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021), f’tas-Sliema u/jew fi bnadi oħra f’dawn il-Gżejjer ġarr ‘il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

<u>L-akkuża</u>

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Hisham Ali Abuagilla**, ħati talli **ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija** u ċioe' talli fis-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) għal ħabta tal-ħamsa w għoxrin ta` filgħodu (05:20hrs) u/jew f'ħinijiet wara ġewwa ż-żona ta' Tigne Point, Sliema jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer u talli fil-ħmistax (15) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021), f'tas-Sliema u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-piena mitluba

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Hisham Ali Abuagilla** u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' multa ta' **€116.47**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 6, 51 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17, 23, 23B, 31, 532A, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**Ir-Raba' (4) Kap – Pussess droga kokaina mhux intiża għall-użu esklussiv tiegħu**

Il-fatti

Illi l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** fis-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu liema droga nstabet f'ċirkostanzi li jindikaw li tali droga kokaina ma kienitx intiża għall-użu esklussiv tiegħu.

Illi kif spjegat fl-ewwel kap tal-att tal-akkuża l-vittma Luke Daniel Jones u ż-żewġt iħbieb tiegħu iltaqgħu ma **Hisham Ali Abuagilla** u marru fir-residenza tiegħu

sabiex jixtru d-droga mingħandu. Fir-residenza ta' **Hisham Ali Abuagilla**, ir-residenza bl-isem Sunbeam Court, Flat 3, Triq Tigne, Sliema instabu diversi sustanzi illeċiti, fosthom id-droga kokaina. Id-droga kokaina in kwistjoni kienet tiżen 19.85g, b'persentaġġ medju ta' sustanza illegali fil-materjal ta' 40%, bil-valur tad-droga kokaina, li nstabet fil-pussess ta' **Hisham Ali Abuagilla**, tammonta għal €1270.

## IL-KONSEGWENZI

Illi għalhekk, b'għemilu l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** sar ħati talli fis-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu.

## L-AKKUŻA

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Hisham Ali Abuagilla**, ħati talli fis-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu.

## IL-PIENA MITLUBA

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Hisham Ali Abuagilla** u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ ta' **priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erbgħa (4) snin iżda mhux iżjed minn tletin (30) sena u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67)**, u **l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 2, 9, 10(1), 12, 14, 15, 22(1)(a), 22(2)(a)(i), 22(3A)(a)(b)(c)(d)(7) u 26 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17, 23, 23B, 31, 532A, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

## IL-ĦAMES (5) KAP – PUSSESS DROGA ECSTASY MHUX INTIŻA GĦALL-UŻU ESKLUSSIV TIEGĦU

### IL-FATTI

Illi l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** fis-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u fil-ġranet u/jew xhur ta’ qabel f’dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika w ristretta ecstasy (3,4-MDMA) mingħajr l-awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina psikotropika w ristretta nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Illi kif spjegat fl-ewwel kap tal-att tal-akkuża l-vittma Luke Daniel Jones u ż-żewġt iħbieb tiegħu iltaqgħu ma **Hisham Ali Abuagilla** u marru fir-residenza tiegħu sabiex jixtru d-droga mingħandu. Fir-residenza ta' **Hisham Ali Abuagilla**, ir-residenza bl-isem Sunbeam Court, Flat 3, Triq Tigne, Sliema instabu diversi sustanzi illeċiti, fosthom mediċina psikotropika w ristretta ecstasy (3,4-MDMA). Id-droga ecstasy (3,4-MDMA) misjuba fir-residenza tiegħu (Sunbeam Court, Flat 3, Triq Tigne, Sliema) kienet fl-ammont ta’ 54 pillola ta’ lewn isfar, il-persentaġġ medju ta' sustanza illegali fil-materjal kien 38%, bil-valur tad-droga ecstasy (3,4-MDMA), li kienet fil-pussess ta’ **Hisham Ali Abuagilla** f’ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu, tammonta għal €702.

### IL-KONSEGWENZI

Illi għalhekk, b’għemilu l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** sar ħati talli fis-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u fil-ġranet u/jew xhur ta’ qabel f’dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika w ristretta

ecstasy (3,4-MDMA) mingħajr l-awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina psikotropika w ristretta ecstasy (3,4-MDMA) nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

<u>L-AKKUŻA</u>

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Hisham Ali Abuagilla**, ħati talli_fis-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika w ristretta ecstasy (3,4-MDMA) mingħajr l-awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina psikotropika w ristretta ecstasy (3,4-MDMA) nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

<u>IL-PIENA MITLUBA</u>

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Hisham Ali Abuagilla** u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' **priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erbgħa (4) snin iżda mhux iżjed minn tletin (30) sena u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67)**, u l- **konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba** ħatja, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 40A, 118A, 120A(1)(a), 120A(2)(a)(i), 121A(1) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u regolament 3(1) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, (Liġi Sussidjarja 31.18), (Avviż Legali 22 tal-1985) u l-Artikoli 17, 23, 23B, 31, 532A, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

**IS-SITT (6) KAP – PUSSESS RAŻA KANNABIS MHUX GĦALL-UŻU ESKLUSSIV TIEGĦU**

<u>IL-FATTI</u>

Illi l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** fis-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħudha mill-pjanta tal-cannabis jew xi preparazzjonijiet li

jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Illi kif spjegat fl-ewwel kap tal-att tal-akkuża l-vittma Luke Daniel Jones u ż-żewġt iħbieb tiegħu iltaqgħu ma **Hisham Ali Abuagilla** u marru fir-residenza tiegħu sabiex jixtru d-droga mingħandu. Fir-residenza ta' **Hisham Ali Abuagilla**, ir-residenza bl-isem Sunbeam Court, Flat 3, Triq Tigne, Sliema instabu diversi sustanzi illeċiti, fosthom reżina ta' lewn kannella, li rriżultat li kienet r-raża kannabis b'piż totali ta' 89.8g. Ir-raża kannabis misjuba fir-residenza tiegħu (Sunbeam Court, Flat 3, Triq Tigne, Sliema) kellha persentaġġ medju ta' sustanza illegali fil-materjal ta' 13%, b'valur ta' €1706.

## Il-konsegwenzi

Illi għalhekk, b'għemilu l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** sar ħati talli fis-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħudha mill-pjanta tal-cannabis xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

## L-akkuża

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Hisham Ali Abuagilla**, ħati talli fis-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer kellu kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħudha mill-pjanta tal-cannabis xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

## Il-piena mitluba

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Hisham Ali Abuagilla** u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' **priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erbgħa (4) snin iżda mhux iżjed minn tletin (30) sena u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tlett mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67)**, u l-**konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja**, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2(1), 8(a), 9, 10(1), 12, 14, 15, 22(1)(a), 22(3A)(a)(b)(c)(d)(7) u 26 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17, 23,

23B, 31, 532A, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, jew għal kull piena oħra li tista’ skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

### IS-SEBGĦA (7) KAP – PUSSESS TAL-PJANTA KANNABIS KOLLHA JEW BIĊĊA MHUX GĦALL-UŻU ESKLUSSIV TIEGĦU

IL-FATTI

Illi l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** fis-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u fil-ġranet u/jew xhur ta’ qabel f’dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Illi kif spjegat fl-ewwel kap tal-att tal-akkuża l-vittma Luke Daniel Jones u ż-żewġt iħbieb tiegħu iltaqgħu ma **Hisham Ali Abuagilla** u marru fir-residenza tiegħu sabiex jixtru d-droga mingħandu. Fir-residenza ta' **Hisham Ali Abuagilla**, u cioe r-residenza bl-isem Sunbeam Court, Flat 3, Triq Tigne, Sliema instabu diversi sustanzi illeċiti, fosthom l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha, b'piż totali ta' 168.7g. Il-pjanta cannabis (kollha jew biċċa minnha) misjuba fir-residenza ta’ **Hisham Ali Abuagilla** (Sunbeam Court, Flat 3, Triq Tigne, Sliema) kellha persentaġġ medju ta' sustanza illegali fil-materjal ta’ 2%, b’valur ta’ €2531.

IL-KONSEGWENZI

Illi għalhekk, b’għemilu l-akkużat **Hisham Ali Abuagilla** sar ħati talli fis-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u fil-ġranet u/jew xhur ta’ qabel f’dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Art 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

L-AKKUŻA

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f’isem ir-Repubblika ta’ Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar ‘l fuq f’dan il-Kap ta’ l-Att ta’ Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Hisham Ali Abuagilla**, ħati talli fis-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u fil-ġranet u/jew xhur ta’ qabel f’dawn il-Gżejjer kellu kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Art 8(d) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta’ Malta, liema droga instabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

IL-PIENA MITLUBA

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Hisham Ali Abuagilla** u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ **priġunerija għal żmien ta' mhux inqas minn erbgħa (4) snin iżda mhux iżjed minn tletin (30) sena u multa ta' mhux inqas minn elfejn u tlett mija u**

**disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) iżda mhux iżjed minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin ewro u sebgħa u sittin ċenteżmu (€116,468.67)**, u l-**konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oġġetti kollha li dwarhom sar ir-reat, u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli oħra tal-persuna hekk misjuba ħatja**, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 2(1), 8(d), 9, 10(1), 12, 14, 15, 22(1)(a), 22(3A)(a)(b)(c)(d)(7) u 26 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikoli 17, 23, 23B, 31, 532A, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha proċesswali, kif ukoll l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat illi waqt is-seduta tal-lum, l-akkużat, **Hisham Ali ABUAGILLA**, mistoqsi jekk huwiex ħati skond l-Att tal-Akkuża, wieġeb billi stqarr illi huwa ħati tal-akkużi kollha lilu addebitati fl-Att tal-Akkuża surriferit.

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkużat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-tweġiba u tatu żmien biżżejjed sabiex, wara li jkun ukoll ikkonsulta privatament mal-avukat tal-fiduċja tiegħu, jirrifletti sew fuq din id-deċiżjoni tiegħu u jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa' lura minnha, u dan skont kif obbligata li tagħmel fis-sensi tal-artikolu 453(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Rat illi wara d-dekors ta' dan iż-żmien, il-Qorti reġgħet sejħet il-kawża tal-akkużat u l-istess akkużat, debitament assistit mill-avukat tal-fiduċja tiegħu ġie mistoqsi mill-Qorti jgħid x'kienet se tkun id-deċiżjoni aħħarija tiegħu u bi tweġiba l-akkużat baqa' jtenni li huwa ħati.

**Għaldaqstant, fid-dawl ta' din l-ammissjoni inkondizzjonata u li ġiet imtennija, il-Qorti tiddikjara lil Hisham Ali ABUAGILLA ħati talli:**

1. **fis-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) għal ħabta tal-ħamsa w għoxrin ta` filgħodu (05:20hrs) u/jew f'ħinijiet wara ġewwa z-zona ta' Tigne' Point, Tas-Sliema jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, dolożament bil-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' persuna (Luke Daniel Jones) fil-periklu ċar, wera' dan il-ħsieb b'atti esterni u ta' bidu għall-esekuzzjoni ta' delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;**

2. **fis-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) għal ħabta tal-ħamsa w għoxrin ta` filgħodu (05:20hrs) u/jew f'ħinijiet wara ġewwa z-zona ta' Tigne' Point, Tas-Sliema jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer volontarjament kiser il-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku meta ħoloq**

kommozzjoni fejn ta' diversi daqqiet ta' sikkina lill-vittma Luke Daniel Jones;

3. volontarjament fis-sitta (6) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) għal ħabta tal-ħamsa w għoxrin ta` filgħodu (05:20hrs) u/jew f'ħinijiet wara ġewwa z-zona ta' Tigne Point, Tas-Sliema jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenza jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

4. fis-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-raba' u s-sitt Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu;

5. fis-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu mediċina psikotropika w ristretta ecstasy (3,4-MDMA) mingħajr l-awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Saħħa Pubblika bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Mediċini, Avviż Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema mediċina psikotropika w ristretta ecstasy (3,4-MDMA) nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

6. fis-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħudha mill-pjanta tal-cannabis xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu;

7. fis-sittax (16) ta' Awwissu tas-sena elfejn wieħed u għoxrin (2021) u fil-ġranet u/jew xhur ta' qabel f'dawn il-Gżejjer kellu fil-pussess tiegħu l-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha bi ksur tal-Art 8 (d) tal-Kapitolu 101 tal-

**Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.**

Rat ir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u l-akkużat **Hisham Ali ABUAGILLA** preżentat fit-22 ta' Ġunju 2023 fejn filwaqt li ddikjaraw li kienu qed jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodiċi Kriminali, talbu lil din l-Qorti li, fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat **Hisham Ali ABUAGILLA** għall-akkużi miġjuba kontrih, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din l-istess Qorti għandha tkun waħda ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' **erbatax il-sena priġunerija u multa ta' erbat elef euro <u>(€4,000)</u>** flimkien mal-ispejjeż peritali inkorsi f'dawn il-proċeduri u kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza oħra li ssegwi mid-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitoli 9, 31 u 101 tal-Liġijiet ta' Malta, fosthom il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kwalunkwe flejjes u tal-proprjeta mobbli u immobbli appartenti lill-istess rikorrent akkużat.

**Ikkunsidrat**

Illi din il-Qorti fliet ġurisprudenza kemm reċenti kemm passata fir-rigward ta' reati li bihom ġie mixli u nstab ħati l-akkużat. F'dan il-każ il-Qorti ħadet kont taċ-ċirkostanzi kollha li sawruh, u allura mhux biss l-inċident fejn Luke Daniel Jones sfaxxa mniġġeż u mniffed b'daqqiet ta' strument bil-ponta u li jaqta' iżda wkoll il-kuntest marbut mas-sejba ta' drogi diversi misjuba fil-pussess tal-akkużat, in-natura tagħha, kwantitajiet u perċentwali ta' purita tal-ingredjenti attivi. Din il-Qorti ħadet kont tal-fatt li l-piena inflitta f'dawk il-każijiet, għalkemm setgħet kienet ispirata wkoll minn ċirkostanzi li setgħu kienu simili għal dan il-każ, nonche mil-qrubija fin-natura, kwalita u kwantita tad-droga involuta fihom, kienet tieħu wkoll kont taċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ b'mod li allura dawk is-sentenzi u pieni mogħtija ma jistgħux jiġu meqjusa bħala li jorbtu lil din il-Qorti fl-imposizzjoni tal-piena f'dan il-każ in kwantu anke dan il-każ għandu l-fattezzi u pekuljaritajiet tiegħu li huma diversi minn dawk;

Ħadet ukoll kont tal-ġurisprudenza Maltija kif ukoll dik estera fir-rigward tas-sitwazzjoni tal-ħati meta dan jirreġistra ammissjoni bikrija fi proċeduri kriminali fosthom **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-24 ta' Frar 1997, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri** deċiża mill-Qorti

tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002 nonche **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa** deċiża nhar is-17 ta' Lulju 2002;

Illi kif ġie deċiż ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Carmen Butler et** deċiża fis-26 ta' Frar 2009 fejn intqal is-segwenti:

S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor.

Apparti minn hekk din il-Qorti ħadet konsiderazzjoni wkoll tas-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Domenic Bonnici** deċiża nhar id-19 ta' Mejju 2004 fejn din il-Qorti kienet ukoll iċċitat siltiet mill-Blackstone preċiżament fir-rigard ta' meta akkużat ikun meritevoli jew le li jingħata skont fil-piena li jkollha tiġi imposta. Fil-fatt dik il-Qorti kienet qalet li:

Issa pero' kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali (kolleggjali) fis-sentenza taghha fil-kawza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mario Camilleri**" [5.7.2002] , l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem , jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f' riduzzjoni fil-piena.

Ir-regoli generali li ghandhom jiggwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi**", [24.2.1997]; u mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa**" , [17.7.2002]. F'din l-ahhar sentenza dik il-Qorti kienet irriproduciet il-bran segwenti mill-**BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE** , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.) :-

**"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established , the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In *Buffery* ( [1992] 14 Cr. App. R. (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one-third would very often be an appropriate discount", but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender . An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who , as well as pleading guilty himself , has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347 ) and/or given significant help to the authorities ( *Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable , any discount may be reduced or lost (*Morris* [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908 ) . Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons , such as where the accused**

**has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* [1985] 85 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarily , some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution , requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is *Costen* [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182 , where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances : (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence , possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea' , where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence , and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain …..''**

Ħadet ukoll kont li l-akkużat ma għandu ebda attenwanti naxxenti mill-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat ukoll il-fedina penali tiegħu f'Malta eżebita a fol 21 mnejn jirriżulta li kellu kundanna għal ħsara volontarja u ksur tal-bon-ordni bis-saħħa ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-15 ta' Jannar 2016 fejn huwa ġie meħlus taħt il-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn nonche obbligat iħallas tmenin euro fi żmien erba' xhur. Ma hemmx indikazzjoni tal-kondotta tiegħu fil-Libja kif kienet qabel ma l-akkużat għażel li jiġi f'Malta u fejn ingħata l-istatus ta' Refuġjat;

# Għall-motivi premessi

**Filwaqt li tilqa' t-talba tal-akkużat u tal-Avukat Ġenerali kontenuta fir-rikors konġunt imsemmi iżjed il-fuq u wara li rat l-artikoli 17, 23, 23B, 31, 41(1)(a), 211(1)(2), 338(dd), 532A u 533 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 6 u 51 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 2, 8(a)(d), 9, 10(1), 12, 14(1), 15, 20, 22(1)(a), 22(2)(a)(i)(aa)(3A)(a)(b)(c)(d)(7) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi u r-regoli 2, 9 u 16 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern ta' Mediċini Perikolużi (Avviż Legali 292/1939) kif ukoll l-artikoli 118A, 120A(1)(a), 120A(2)(a)(i)(aa), 121A(1), it-Tielet Skeda tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolamenti 2, 3 u 5 tal-Avviż Legali 22 tal-1985:**

**Tikkundanna lil ħati Hisham Ali ABUAGILLA għall-piena ta' erbatax il-sena priġunerija u multa ta' erbat elef euro (€4,000).**

**Jekk il-multa inflitta ma titħallasx puntwalment tiġi konvertita fi priġunerija ai termini tal-artikolu 11 tal-Kodiċi Kriminali.**

**A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna wkoll lill-ħati sabiex iħallas l-ispejjeż kollha tal-perizji inkorsi f'dan il-każ, fl-ammont ta' erbatax il-elf, tmin mija sitta u tmenin euro (€14,886.00) b'dan li jekk dawn l-ispejjeż peritali ma jitħallsux fi żmien sena mid-data tas-sentenza dawn jiġu konvertiti f'terminu ta' priġunerija skont il-Liġi.**

**Tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kwalunkwe flejjes u proprjetà mobbli jew immobbli appartenti lil ħati.**

**Minbarra dan, wara li rat l-Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti tħassar kwalunkwe liċenza li l-akkużat setgħa kellu taħt l-istess Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta filwaqt li tipprojbih milli jottjeni jew ikollu liċenza taħt l-istess Att għal perjodu ta' ħames snin.**

**Sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax b'nota, li għandha tiġi preżentata fi żmien xahar mid-data tas-sentenza li d-droga eżebita hija meħtiega b'konnessjoni ma' xi proċeduri kriminali oħra kontra terzi persuni, id-droga kollha eżebita u l-affarijiet li għandhom x'jaqsmu magħha għandhom jiġu meqruda a kura tar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali u dan taħt is-sorveljanza diretta tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti Kriminali li għandha tagħmel verbal u reġistrazzjoni video ta' tali distruzzjoni u li għandhom jinġiebu a konjizzjoni tal-Qorti b'nota appożita u b'kopja li għandha tigi innotifikata lill-Avukat Ġenerali u lill-ħati.**

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**